**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 221/2022 LC

**CARMELO GRECH (ID NRU. 923650M)**
**RAYMOND GRECH (ID NRU. 167258M)**
**SALVATORE GRECH (ID NRU. 809655M)**
**MARGARET BUTTIGIEG (ID NRU. 752760M)**
**GEORGE GRECH (ID NRU. 327153M)**
**MARY GRACE BROWN (ID NRU. 764549M)**

*vs*

**GILJAN ABELA (134144M);**
**U PERMEZZ TAD-DIGRIET DATAT IS-**
**27 TA' ĠUNJU 2022 ĠIET IKKJAMATA IN KAWŻA**
**MARIA ABELA (0467946M)**
**U**
**1. L-AWTORITA' TAD-DJAR (BĦALA INTERVENUTA FIL-KAWŻA)**

**Illum, 13 ta' Frar 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Carmelo Grech (ID Nru. 923650M), Raymond Grech (ID Nru. 167258M), Salvatore Grech (ID Nru. 809655M), Margaret Buttigieg (ID Nru. 752760M), George Grech (ID Nru. 327153M) u Mary Grace Brown (ID Nru. 764549M) fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jordna fl-ewwel lok it-test tal-mezzi tal-inkwilin konvenut Giljan Abela u jaħtar il-periti membri tiegħu sabiex jivvalutaw il-fond soġġett ta' dan ir-rikors u ċioe' 13, Triq il-Kantur, Żejtun skont il-liġi;

II. Jordna fit-tieni lok illi fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors il-kera tiġi awmentata għal erbat elef Ewro (€4,000) fis-sena, ekwivalenti għal tliet mije tlieta u tletin Ewro punt erbgħin ċenteżmu (€333.34) fix-xahar, jekk kull somma oħra verjuri li jogħġbu jiffissa dan il-Bord, u konsegwentement jordna u/jew jikkundana lill-konvenut Giljan Abela iħallas lir-rikorrenti din is-somma awmentata;

III. Fil-każ illi l-inkwilin Ġiljan Abela ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi jordna l-iżgumbrament tiegħu mill-fond mikri wara perjodu massimu ta' sentejn, filwaqt li jiffissa kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni matul l-imsemmi perjodu;

IV. Fil-każ li l-inkwilin Giljan Abela jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi jawmenta l-kera skont il-valur stabbilit mill-Periti Membri u dan bir-rata massima iffissata fil-liġi (2%) u jordna li din tkun pagabbli lir-rikorrenti mid-data tas-sentenza, u dan bla

ebda' preġudizzju għall-jedd tagħhom li jerġgħu jitolbu awment ieħor wara sitt (6) snin dejjem kif stabbilit fil-liġi;

V. Jagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet oħra kollha li jqis bħala neċessarji jew meħtieġa.

Ra d-dokumenti annessi mar-rikors promotur.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata t-3 ta' Ġunju 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi irridu qabel xejn jipprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (iv) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu l-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (v) f'każ li l-inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta ta' Giljan Abela datata t-13 ta' Ġunju, 2022, fejn sommarjament, eċċepixxa, fost l-oħrajn li (i) fl-ewwel lok, huwa jikkonferma illi huwa flimkien ma' martu Mary Abela, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 0467946M huma l-inwkilini tal-fond bin-numru 13, Triq il-Kantur, Żejtun taħt titolu validu ta' kera u skond id-dritt mogħti lilhom mil-liġi; (ii) illi għalhekk għandha tiġi kjamata fil-kawża mart l-esponenti u ċioe' l-imsemmija Mary Abela; (iii) illi minkejja li r-rikorrenti dejjem irrifjutaw il-kera, huwa dejjem ħallas il-kera dovuta kif obbligat li jagħmel, u dan permezz ta' ċedoli ta' depożitu; (iv) illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir it-test tal-mezzi u jinħatru l-Periti sabiex jivvalutaw il-fond mertu ta' dan ir-rikors; (v) illi huwa jopponi għat-

tieni talba, stante illi fl-ewwel lok il-liġi tistipula illi l-awment pendent lite jista' jsir wara li l-Bord ikun semgħa l-Partijiet sommarjament u eżamina kwalunkwe evidenza li huwa jqis relevanti u fit-tieni lok il-valutazzjoni tal-Perit ma hijiex waħda reali u dan stante li fl-ewwel lok hija eċċesiva u fit-tieni lok tali valutazzjoni saret mingħajr ma l-Perit aċċeda fuq il-fond mertu ta' dan ir-rikors; (vi) illi huwa għandu mezzi limitati u għalhekk għandu jgawdi mill-protezzjoni li tipprovdi l-liġi; (vii) il-Bord għandu jieħu in konsiderazzjoni d-dħul baxx u limitat ta' l-esponenti u konsegwentement ma jordnax l-iżgumbrament u (viii) l-esponent m'għandu jbati l-ebda spejjeż in konessjoni ma' dawn il-proċeduri, in kwantu li ma għandux jiġi kkastigat talli ottempra ruħu mal-liġi.

Ra illi in vista tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Ġiljan Abela, b'digriet datat is-27 ta' Ġunju 2022 Mary Abela (K.I. 0467946M) ġiet kjamata in kawża.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-25 ta' April, 2022, l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011);

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Mario Cassar u l-Perit James Manduca ppreżentaw ir-rapport tagħhom.

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid il-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-

sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessità jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimat u l-kjamata humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi ommhom, li kien jisimha Maria Theresa Grech kienet wirtet flimkien ma' ħutha is-sehem ta' wieħed minn sitta (1/6) mill-fond numru 13 ġja 10, Triq il-Kantur, Żejtun, filwaqt li missierhom, li kien jismu Gio Batta Grech, kien akkwista ir-rimanenti ħames minn sitt ishma (5/6) mill-aħwa ta' martu Maria Theresa Grech, u dan b'diversi atti onerużi. L-imsemmi Gio Batta Grech ġie nieqes fid-29 ta' Marzu 1968 u l-ħames minn sitt ishma (5/6) idevolvew in kwantu għal nofs indiviż fuq martu Maria Theresa Grech, u in kwantu għar-rimanenti nofs indiviż fuq is-sitt uliedu li huma r-rikorrenti. Sussegwentement, permezz ta' kuntratt datat l-10 ta' Jannar tas-sena 1986, fl-atti tan-Nutar Dottor George Cassar, Maria Theresa Grech biegħet is-sehem tagħha ta' 1/6 indiviż lil binha Raymond Grech. Wara l-mewt ta' Maria Theresa Grech, u bis-saħħa tal-att ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Poole datat it-12 ta' Lulju tas-sena 2005, l-ulied kollha, li huma r-rikorrenti kollha, akwistaw in-nofs indiviż (1/2) tal-ħames minn sitt (5/6) sehem li hija kien għad fadlilha.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-atti appena msemmija, u fid-dawl tal-istess att, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-propjetà *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond *de quo* qabel is-sena 1974 kien ġja mikri mill-ġenituri tagħhom, lil ċertu Dolores Bonavia. Fis-17 ta' Ġunju, 1974, id-Dipartiment tad-Djar kien irrekwiżizzjona l-fond in kwistjoni b'ordni ta' rekwiżizzjoni numru 32294, u f'dak il-jum stess, l-imsemmija Dolores Bonavia iddepożitat iċ-ċwievet tal-fond mad-Dipartiment tad-Djar u ddikjarat li hija kienet qiegħda tirrinunzja għal kull dritt ta' kera rigward dan il-fond. Sussegwentement, fit-30 ta' Awwissu 1974, il-fond *de quo* ġie allokat lill-intimat Giljan Abela versu l-kera ta' Lm10 fis-sena. Ir-rikorrenti fir-rikors promotur jiddikjaraw illi ommhom Maria Theresa Grech u huma kienu intavolaw diversi proċeduri ġudizzjarji sabiex jattakaw l-ordni ta' rekwiżizzjoni, liema proċeduri ma kienux favorevoli għalihom. Fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali, deċiża nhar it-12 ta' Frar 2016, fl-ismijiet Carmelo Grech, Raymond Grech, Salvatore Grech, Margaret Buttigieg, George Grech u Mary Grace Brown vs Awtorita' tad-Djar, Avukat Ġenerali u Ġiljan Abela, fissret illi l-intimat Giljan Abela jikkwalifika għall-protezzjoni tal-liġijiet speċjali tal-kera, ossija l-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, u qieset illi l-kera hija regolata bis-saħħa ta' dik il-liġi, tant li t-talba tar-rikorrenti għall-iżgumbrament ta' Abela kienet ġiet miċħuda.[1]

Illi fid-dawl ta'dan, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati Ġiljan Abela u Mary Abela huma effettivament l-inkiwlini tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul ta' Giljan Abela u l-kjamata Mary Abela, kkalkolat ai termini

[1] Dok. "C" a fol. 10 tal-atti proċesswali.

tar-Regolamenti 3(a), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital ta l-intimat u l-kjamata kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi il-Bord ra illi l-inkwilin Ġiljan Abela huwa persuna b'diżabilita' reġistrata mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'diżabilita' u minkejja li l-Bord għandu l-fakolta' li jiffissa livell ta' dħul u ta' kapital ogħla minn dawk imsemmija fir-Regolamenti hawn fuq indikati, huwa mhux se jvarja il-kriterji stabbiliti fir-Regolamenti 5 u 6 appena ċitati, stante illi l-istess inkwilini ma jeċċedux dak stipulat fl-istess Regolamenti.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi Giljan Abela u Mary Abela **ma jeċċedux** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **<u>jissodisfaw</u>** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-propjeta in kwistjoni tikkonsisti f'terran illi għandu l-fuq minn disgħin sena. Il-fond għandu s-servizzi tad-dawl, tal-ilma u tad-dranaġġ u huwa abitabbli.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu l-lokalità, it-tip u l-kondizzjoni tal-propjetà, jistmaw il-propjetà fl-1 ta' Jannar 2022, fl-ammont ta' mitejn u sittin elf ewro (€260,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejħ dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[2]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta' dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimati u tal-età tagħhom, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo*.

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' ħamest elef u mitejn ewro (€5,200) fis-sena.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

---

[2] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi it-test tal-mezzi tal-intimati twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi tirrelata dwar awment tal-kera fil-mori tas-smiegħ tar-rikors odjern.

3. Jiċħad it-tielet talba stante illi l-intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.

4. Jilqa’ ir-raba’ talba u jordna illi l-kera tal-fond numru 13, ġja numru 10, Triq il-Kantur, iż-Żejtun, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta’ 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta’ Jannar 2022 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimat Giljan Abela u l-kjamata Mary Abela għall-ammont ta’ ħamest elef u mitejn ewro (€5,200) fis-sena u jordna lill-intimat Giljan Abela u l-kjamata Mary Abela iħallsu l-kera hekk awmentata b’effett mil-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta’ erbgħa skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta’ Jannar, April, Lulju u Ottubru ta’ kull sena

5. Jiċħad il-ħames talba.

6. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat, tal-kjamata u tal-Awtorita’ intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma’ dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta’ dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**